

# IL-LAZZARETT TAL-GŻIRA
## IMMA DAN IL-BINI X'KIEN?

Kitba ta'
**CLIFFORD GALEA**

Qatt kellkom xi dar jew mortu għand xi ħadd jgħix f'post daqsxejn antik li jingħad li fih jidher il-ħares? F'Manoel Island, hemm l-Isptar Lazzarett, li minn għajdut ta' xi nies li forsi resqu viċin b'xi dgħajsa jew niżlu ħdejh għal xi raġuni jew oħra, jingħad li jinstemgħu l-ħsejjes u l-krib ta' nies qed imutu. Min jaf?! Forsi jingħad hekk biex wieħed ma jersaqx 'l hemm. Imma l-kurżità tegħleb lil kulħadd u ħafna minnkom jistaqsu x'kien eżatt dak il-bini. Isimgħu dan li ġej mela!

Il-Katidral tal-Imdina kellu biċċa art fil-Gżira, li fl-1643 il-Gran Mastru Jean-Paul Lascaris Castellar ħadha taħt it-tmexxija tiegħu wara li partatha ma' biċċa art oħra tal-Fiddien. Fuq din l-art li akkwista bena sptar u appartamenti li sejjaħlu Lazzarett. Din il-kelma kienet ġejja minn San Lazzru, li huwa l-qaddis protettur ta' nies li kienu morda b'mard infettiv.

Fil-passat kienet ħaġa komuni li taqbad marda qerrieda u tinfirex mal-pajjiż kollu. Kien hawn ħafna mard differenti li ħafna drabi kien jiġi mill-fatt li kien hawn nuqqas ta' sanità. Sistema ta' drenaġġ ma kinitx teżisti, il-bliet kienu ffullati bin-nies u b'hekk kienet faċli li marda tittieħed. Fejn hemm il-ħmieġ kont issib ħafna insetti u ġrieden li jkomplu jġorru l-mard magħhom. Marda li kienet taqbad spiss kemm f'Malta kif ukoll fi bliet Ewropej, kienet il-pesta. Din il-marda kienet tiġi mill-ġrieden, u kienet tinqasam fi tliet tipi differenti. L-iktar waħda komuni kienet dik Bubonika; li kienet ittella' dawriet ħomor u bil-materja fil-ġisem u wara ftit jiem toqtlok. Kien hemm tip ieħor li taffettwa d-demm u oħra li taffettwa s-sistema respiratorja. Dawn it-tnejn kienu joqtlu lill-vittma li tiġi affettwata minnhom fi ftit sigħat. Barra din il-marda kien hemm marda oħra kerha li n-nies kienu jsejħulha l-'Korla' u b'hekk dan l-isptar sewa ta' Cholera Hospital. Meta faqqgħet il-marda tal-pesta fl-1675, il-Gran Mastru Nicholas Cottoner ra li jinbena sptar ieħor aktar 'il ġewwa mill-Lazzarett, imqassam bil-kurituri, 40 kamra, kappella u ċimiterju. Dan kollu sar biex joqogħdu hemm dawk ix-xwieni kollha u n-nies tagħhom li jkunu ġejjin minn pajjiżi infettati b'xi mard li jittieħed. Wara numru ta' snin dan l-isptar inbidel u sar ħabs.

"Fil-passat kienet ħaġa komuni li taqbad marda qerrieda u tinfirex mal-pajjiż kollu. Kien hawn ħafna mard differenti li ħafna drabi kien jiġi mill-fatt li kien hawn nuqqas ta' sanità. Sistema ta' drenaġġ ma kinitx teżisti, il-bliet kienu ffullati bin-nies u b'hekk kienet faċli li marda tittieħed. Fejn hemm il-ħmieġ kont issib ħafna insetti u ġrieden li jkomplu jġorru l-mard magħhom

Fl-aħħar epidemija tal-pesta li faqqet f'Malta fl-1813, Il-Gvernatur Sir Hilderbrand Oaks, żied mal-Lazzarett ċimiterju ieħor u aktar appartamenti. Mal-medda taż-żmien il-popolazzjoni bdiet tikber u mal-iċken epidemija kienu jmutu ammont kbir ta' nies. B'hekk fl-1880, il-gvern ħaseb biex dan il-post jiġi rranġat aħjar u mkabbar biex ikun jiflaħ iżomm fih lil dawk li jitpoġġew fi kwarantina meta jaslu minn xi vjaġġ twil u jaħsbu li jista' jkun hemm xi mard jittieħed fuq il-membri tal-ekwipaġġ jew fuq dawk li jkunu qed jivvjaġġaw fuq il-vapur u l-merkanzija wkoll. Il-kelma kwarantina ġejja mill-kelma 'quaranta', li tfisser erbgħin, b'hekk dawk kollha li jidħlu taħt suspett li qed iġorru xi mard, kienu jitħallew f'dan il-post f'iżolament għal erbgħin jum. Meta ġie mkabbar il-Lazzarett saru erba' ċimiterji, f'wieħed minnhom kien hemm ukoll kappella ddedikata lil San Ġorġ Martri. Iżda qassisin ma kinux imorru jqaddsu fil-kappella minħabba li ħadd ma seta' jidħol u joħroġ mill-Lazzarett jekk ma jkunx għamel l-erbgħin jum, biex il-mard ma jinxteridx. Iżda kienet ħaġa diffiċli li f'post Kattoliku bħal Malta f'dawk iż-żminijiet, in-nies joqogħdu mingħajr ma jisimgħu quddies fil-festi. Għal dan il-għan inbniet kappella żgħira fuq is-sur ta' San Mikiel il-Belt, eżatt faċċata tal-Lazzarett, iddedikata lil Santu Rokku, il-qaddis protettur ta' dawk morda bil-pesta. Din il-kappella kienet f'idejn il-Patrijiet Kapuċċini. Iżda minħabba l-bogħod li kien hemm bejn naħa u oħra kienet diffiċli li wieħed verament jisma' x'kien qed jingħad fil-quddiesa. Illum din il-kappella m'għadhiex teżisti għax waqgħet fil-gwerra.

Wara Lazzarett kien hemm ġibjun kbir, li kien ġie mqabbad mal-akkwadott ta' Wignacourt fl-1887. Illum dan il-post m'għadux jintuża biex jinżammu n-nies infettati b'mard jittieħed fi kwarantina u b'hekk spiċċa bla użu. Illum meta tħares lejn dan il-bini mill-inħawi tal-Belt li jħarsu lejn il-Port ta' Marsamxett jidher li jinsab abbandunat, għax saħansitra anki partijiet minnu jidhru li qed jaqgħu biċċiet. Wara li sar restawr tajjeb ħafna fuq il-Gżira Manoel u l-bini li hemm fiha, issa jmiss li l-Lazzarett jieħu ftit in-nifs huwa wkoll.